# NAR, IMQABBIN U IMPERJALIŻMU

*Riċerka u Kitba ta' Dr Charles J. Farrugia* BA(Hons), PGDipRM (N'Castle), MA, MA(Lond), Ph.D (Aber)

Ta' kull sena fis-27 ta' Ottubru jiġi ċċelebrat il-Jum Internazzjonali tal-Awdioviżiv. Biex jiġi ċelebrat dan il-jum, fis-27 ta' Ottubru 2017 l-Arkivji Nazzjonali ta' Malta ssieħeb mal-Assoċjazzjoni tal-Arkivisti u Rekords Maniġers tal-*Commonwealth* u organizza laqgħa ta' jum. Matulha tkellmu diversi kelliema internazzjonali dwar it-tema '*Imaging Imperialism*'. Fi kliem ieħor dawn l-esperti ddiskutew kif l-Imperjaliżmu jinsab dokumentat fid-diversi ritratti, filmati u anke dokumenti storiċi. Ma jistax jonqos li l-enfasi tkun fuq l-Imperjaliżmu Ingliż u kif dan kien jolqot il-ħajja Maltija. F'dan l-artiklu ser nitfa dawl fuq tliet elementi distinti; il-logħob tan-nar, il-ħajja Imqabbija u l-Imperjaliżmu. Forsi wieħed jistaqsi jekk hemmx konnessjoni. Żgur li wieħed jorbot il-logħob tan-nar mal-Imqabba iżda forsi anqas mal-Imperjaliżmu. Iżda naħseb li anke dan is-suġġett jiflaħ aktar riċerka u analiżi.

Dan l-artiklu ser joħodna lura lejn l-Imqabba tas-snin għoxrin u tletin tas-seklu għoxrin. Ser naraw kif in-nar kien jiddomina kważi għal kollox il-ħajja tal-Imqabbin. Ser naraw ukoll kif l-avveniment tal-Ġublew tal-Fidda mill-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V fl-1935 kien qed ikun ikkommemorat u wkoll rabtiet mal-Imqabba u l-Imqabbin. Diversi mill-avvenimenti li jissemmew, speċjalment fejn jirrigwardja traġedji bin-nar inkiteb diġà dwarhom. Minkejja dan, għamilt sforz biex ikunu ppubblikati biss ritratti ta' materjal li qatt ma ħareġ qabel.

## In-Nar fil-ħajja tal-Imqabbin

F'ħafna mill-programmi tal-festi tal-Imqabba li kienu jkunu ppubblikati fil-gazzetti dejjem kien ikun hemm vers jew tnejn fuq in-nar. Dan juri l-importanza tan-nar fil-festi Mqabbin. Għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju tal-1914, meta ġiet inawgurata l-bradella tal-vara, jissemma li:

> **Is-Sibt, leiliet il festa fill ghaxia chien hemm quantita' ta murtali famusi tal culur u variabili, maghmulin mil giuvni Pasquale Xuereb. Uara li spicciau daun, inharak giogdifogu uisk sabih u xi nar ihor, illi dan hua mahdum bl'ahua Amabile u Antonio Barbara u minn Gio.Maria Briffa.[1]**

Din il-kwotazzjoni turi li mhux biss in-nar kien jinħadem mill-Imqabbin, iżda jidher li kien hemm organizzazzjoni piroteknika, struttura u varjazzjoni ta' nar minn nies li d-dixxendenti tagħhom għadhom involuti fl-istess nar.

Id-dokumenti uffiċjali jkomplu jagħtuna laqta interessanti oħra, l-aktar fejn l-affarijiet ma jmorrux sew jew tixxellef il-liġi. Insibu li is-Sibt 21 ta' Mejju 1921, fil-ħdax ta' filgħaxija kien qed jinħaraq in-nar tal-art fil-pjazza quddiem il-każin tal-Ġilju u xi fintuna jew gass tar għal fuq il-purtiera ta' tieqa tal-kappillan Franġisku Saverio Bonanno. Id-danni kienu ta' madwar 5 xelini.[2]

Iżda inċident bħal dan ma kien xejn meta mqabbel mat-traġedji li kellhom iseħħu fl-Imqabba ftit wara. F'jum il-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-1925 Ġanni Zammit (ta' Brajnek) weġġa' gravi fi splużjoni fid-dar tiegħu biswit l-iskola primarja tal-Imqabba. Hu ħalla ħajtu fl-isptar jumejn wara.[3] Din kienet l-ewwel disgrazzja tan-nar fi ħdan il-partit ta' Santa Marija li kellha eku erba' snin wara fi ħdan il-partit tal-Ġilju b'mewt oħra. Kien proprju fil-25 ta' Mejju 1929 meta Pietru Sammut (ta' Nella) kien qed jipprepara xi gassijiet u sfafar barra l-post tan-nar tal-Ġilju meta inċident ħasad il-ħajja tiegħu.[4] Minħabba dan l-inċident kellhom jitħassru l-festi esterni u kienet festa karatterizzata minn niket u sogħba.


Tuesday 24 May 1921
24
Articles Found 396 — at 8 am, on the 23rd May 1921 Calcedonio Camilleri aged 36 years son of late Giovanni "Ta Balċi" of Micabiba Delivered to PC 292 G. Zammit a woman gold pendant which he found it in Sda Parrocchiale corner with Pza della Chiesa Micabiba, circulated by PC 89 G. Mang...
25
Damages — at about 11 pm of the 21st inst. (the Eve of the feast "Tal Gilju") when the fireworks was displaying some coloured lights fell on the curtain of a window of the Parish Priest Francesco Saverio Bonanno which is just opposite the said fireworks & took fire the damages caused is of about 5/-

*Ħruq tal-purtiera tal-kappillan bin-nar fl-1921.*
*(Ħajr: Arkivji Nazzjonali)*

Jidher iżda li bħal ma jiġri dejjem, inċident bħal dan, anke jekk f'kuntest ta' raħal tant żgħir, xorta ma jkunx biżżejjed biex igerrexx lid-dilettanti minn dan id-delizzju li tant għandu seħer. Insibu li l-programm tal-festa ta' Sant'Innoċenzju u li saret fl-10 u l-11 ta' Ottubru 1929 jinkludi l-logħob tan-nar maħdum mill-Imqabbin għaliex jgħid 'vi saranno pure giuochi pirotecnici fatti da dilettanti del Casale'.[5]

Jidher li tal-Ġilju kienu reġgħu sabu saqajhom fin-nar għaliex fl-1934 jinqabdu b'nar akbar milli permess fil-fabbrika tagħhom ġewwa ta' Bur Megħeż. Dan hu każ interesanti ħafna u jixħet dawl fuq ir-relazzjoni bejn ir-



*Pietru Sammut li miet bi traġedja tan-nar lejliet il-festa tal-Madonna tal-Ġilju fl-1929.*

raħal u l-Gvern, u li d-delettanti tan-nar dejjem kellhom ċertu saħħa fuq il-Gvern. Dan ukoll qed ikun ippubblikat għall-ewwel darba.

Il-petizzjoni f'isem Nazzareno Buhagiar (il-Maċiċu), Antonio Barbara u oħrajn ġiet preżentata mill-avukat Dott A. Magri fil-15 ta' Mejju 1934. Hu jgħid li r-rikorrenti kienu rilaxxati mill-Qorti wara li ammettew li fit-13 u 14 ta' Mejju tal-istess sena ħadmu nar (*mortai a bomba e razzi*) akbar mill-tippermetti l-liġi. Ir-rejd tal-Pulizija sar fl-14 ta' Mejju fil-kamra tan-nar liċenzjata fuq Buhagiar u ma' dawn it-tnejn kien hemm ukoll Gakbu Barbara. Huma jirrappurtaw li sabu ... *a large quantity of air bombs and rockets*. In-nar kien ġie konfiskat imma nżamm ġol-istess kamra li ġiet magħluqa u baqgħet mgħassa mill-Pulizija. L-avukat kien qed jitlob li dan in-nar jingħata lura. Hu jġib kemm l-argument emozzjonali u dak legali billi jgħid li dawn ħadmu dan ix-xogħol b'xejn, għall-festa tar-raħal u ma kienx baqa' żmien biex jerġgħu jaħdmu xogħol ġdid (għax il-festa kienet fis-27 ta' Mejju) u allura riedu li jieħdu lura x-xogħol, iċekknuh u jġibuh konformi mal-liġi. L-argument legali kien li kien hemm diġà prassi simili fil-kawża tal-Pulizija kontra Filippo Cafarelli. Aktar minn hekk, huma qalu li peress li l-materjal jinsab maħżun f'post umdu għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet biex dan ma jiddeterjorax u huma jkunu lesti li jagħmlu x-xogħol ta' alterazzjoni fuq dan in-nar anke jekk hemm bżonn taħt sorveljanza ta' espert maħtur mill-Qorti. Il-Kummissarju wieġeb mill-ewwel fis-16 ta' Mejju u qal li ma kellux oġġezzjoni. Il-Maċiċu ġie infurmat b'ittra tas-17 ta' Mejju iffirmata minn Arthur Galea għan-nom tas-Segretarju tal-Gvern. Jista' jkun li dawn l-ingwanti tat-tajjar ma' min kiser il-liġi kienu parti mit-tħejjija għall-festi imperjali ta' sena wara fejn in-nar kien ser jilgħab rwol importanti? Il-probabiltà kienet li tant kien hawn minn dawn il-każi li l-pulizija ma kellhiex struttura u faċilitajiet biex tissekkwestra dan il-materjal. Dan ikompli jissaħħaħ minn każ ta' Grazio Mangion (tal-Ġendarm) li qed ikun ippubblikat f'dan il-programm fl-artiklu ta' Angelo Schembri fejn fl-1926 il-pulizija wkoll tat nar maqbud illegalment lura.[6]



...dalla legge;

Che, assieme a detta condanna, la Corte ha ordinato la confisca dei mortai e dei razzi già elévati dalla Polizia;

Che a fare detti razzi e mortai avevano lavorato gli esponenti, gratuitamente, per solennizzare la prossima ricorrenza del Santo Titolare della Micabiba, che cadrà il 27 corrente;

Che il tempo rimanente non è bastevole per rifare completamente il lavoro, e quindi sarebbe il caso di accordare agli esponenti la facoltà di ridurre il materiale già lavorato alle proporzioni prescritte dalla legge;- ciò che, del

*Estratt mit-talba tal-avukat li jenfasizza li x-xogħol tan-nar kien wieħed volontarju fl-1934. (Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)*

## Imperjaliżmu rifless fil-festi tal-Ġublew tar-Re Ġorġ V

Filwaqt li fl-irħula kien hemm dan il-logħob man-nar kontinwu, fuq il-livell nazzjonali, il-Gvern Ingliż kien qed iħejji għall-festa ta' imperjaliżmu li jlellex u jgħammex l-għajnejn. Il-festi saru bejn il-Ħadd 5 ta' Mejju u il-Ħadd 12 ta' Mejju 1935. Biex iħejji l-festi bil-pompa mistħoqqa kien hemm kumitat organizzattiv presedut mill-Gvernatur Logutunent Sir Harry Luke u li jinkludi l-Imħallef Prinċipali Sir Arturo Mercieca, il-Brigadier E.F. Falkner, il-Kmandant C.E.H. Rathborne, Edward R. Mifsud, Dr Albert V. Laferla, il-Kaptan Harris u l-ADC tal-Gvernatur il-Logutonent Matthews.[7]

Il-programm uffiċjali mħejji mill-kumitat kien jinkludi diversi attivitajiet fosthom tiġrijiet taż-żwiemel fl-Imdina, Te Deum, logħob għat-tfal fl-irħula, baned fil-Belt u fl-irħula, mixegħla, ikel għal fqar, ħġejjeġ mill-Iscouts u diversi tiżjin fi bnadi diversi. Ingredjent kostanti kien il-logħob tan-nar. Fil-fatt fil-programm uffiċjali jissemma nar fuq il-Fosos tal-Furjana it-Tnejn 6 ta' Mejju, it-Tlieta 7 ta' Mejju kif ukoll il-Ħamis 9 ta' Mejju ġewwa Għawdex u l-Ħadd 12 ta' Mejju jissemma nar ġewwa l-irħula. Id-dokumenti ta' dan il-kumitat jindikaw li l-akbar spejjeż kienu għall-baned (£760) u l-logħob tan-nar (£600). Dak iż-żmien Malta kellha popolazzjoni ta' 255,185 ruħ.

Fid-dokumentazzjoni uffiċjali l-atmosfera li ħoloq il-logħob tan-nar għall-festi tal-Ġublew kienet deskritta bħala waħda maġika. F'komunikazzjoni mill-Gvernatur ta' Malta lis-Segretarju tal-Istat għal Kolonji bid-data tal-31 ta' Mejju 1935 insibu din id-deskrizzjoni:

The bastions of St Angelo and Valletta were outlined by innumerable cressets, which formed a frame of fire for the whole. The Carnival concluded with a display of fireworks, all of which were manufactured locally ...[8]

## Piroteknići Imqabbin u l-Ġublew

Jidher li l-piroteknići Mqabbin ippruvaw ibillu subajhom mill-ġid tal-festi tal-Ġublew, u jbiegħu nar għall-istes avveniment. Insibu tlieta minn nies mill-Imqabba jiktbu lil Gvern Kolonjali sabiex ibiegħu logħob tan-nar għall-festi tal-Ġublew. Dawn kienu Giuseppe Ellul (il-Qonsru) li kien joqgħod f'54, Strada Ospedale, Michele Ellul, b'indirizz tad-dar ikun 63, Via Valletta Mqabba u Emmanuele Caruana (Tillu) li kien joqogħod f'59, Strada Parrochiale. F'dan l-artiklu qed jiġu ppubblikati għall-ewwel darba l-ittri b'talba biex jinbiegħ dan in-nar.[9]

Fit-13 ta' Settembru 1934 (fid-dokument hemm id-data 1935 li jidher ċar li hu żball) jikteb Giuseppe Ellul (il-Qonsru) li kien joqħgod f'54, Strada Ospedale l-Imqabba biex jaħdem xogħol tan-nar lill-Gvern. Minn kitbietu joħroġ li hu kien professjonali f'xogħlu. Hu anke jsejjaħ lilu nnifsu bħala mgħallem u jiffirma bħala Pirotecnico. Ellul joffri li jaħdem 50 murtal tal-kulur għall-prezz ta' £1 il-wieħed u 80 murtallett għal 2s il-wieħed. Kull min jagħmel talbiet bħal dawn jenfasizza li kollox kien ser jinħadem skont il-qies permess mill-liġi u jidher li din kienet problema dak iż-żmien. Il-Qonsru jgħid ukoll li hu kien kapaċi jaħdem kull tip ta' xogħol tan-nar li l-Gvern ried jassenjalu. Jidher li l-Qonsru baqa' bla risposta u malli qalbet it-sena daħlu offerti oħra minn sħab il-Qonsru.

Tajjeb ngħidu li l-Qonsru kien wieħed mill-ismijiet il-kbar tal-piroteknika Mqabbija. Ma' dan l-artiklu qed nippubblika applikazzjoni tal-passaport li tixhet ftit aktar dawl fuq dan il-personaġġ. Fit-2 ta' Ottubru 1931 hu applika għal passaport biex imur Tunis fejn hu ddikjara li kien jixtieq iżur xi qraba. Iżda l-uffiċjal tal-passaporti jingassa din ir-raġuni u jniżżel 'obtaining work' bħala l-vera raġuni. Minn dan id-dokument joħroġ li hu twieled fis-6 ta' Marzu 1907 iben Francis u meta applika kellhu 24 sena u 7 xhur. Kien ġuvni u l-professjoni mniżżla tiegħu kienet ta' mastrudaxxa.[10]

Meta beda joqrob iż-żmien għall-festi daħlu aktar talbiet minn kollegi tal-Qonsru. Emmanuele Caruana li kien joqgħod f'59, Strada Parrochiale, jikteb lill-Kummissarju tax-Xogħol u joffri li jaħdem 15-il murtal tal-kulur u jwiegħed li dawn jaħdimhom skont il-liġi għall-prezz ta' £1 il-wieħed. It-talba tiegħu mhix datata iżda hemm nota ta' riċevuta mill-Gvern fil-15 ta' Marzu 1935.


No 54 Sda Ospedale
Micabiba Malta
13th Sept; 1935

Sir;
Billi al habta ta majjia anda issir il festa tal Gubleo tal Majjista tijou il Re Giorgo V u sa isir xi lot tannar pirotecnico al die il giornata jena phala Malem noffri ruhi sabiex namel xi xol tannar; alec jena capaci al qualunque xol li inti tatini alec billi ma tante baka zmien sabiex issir quantità abbondanti jena noffri ruhi biex namel 50 Mortali tal Culur bi prez ta £1. il wihed kies scont il-ligi {totali £50} u 80 mortaletti 2s il wihed totali £8 tal culur collox ta l'aria. Alec jec jogboc ibatli mil actar fis irrisposta. Arivederci

Jena u isservi tijac
umili Ellul Giuseppe
Pirotecnico Micabiba.
Malta

L-ewwel ittra tal-Qonsru fl-1934 (Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)

Michele Ellul residenti f'63, Via Valletta, Micabiba, jikteb fit-13 ta' Marzu 1935 u joffri li jaħdem mitt sufarell 'assortiti fil-gost tagħhom tal-pulzier dijametru bil-prezz ta' 3 xelini l-wieħed'. Għal kull waħda minn dawn it-talbiet sa issa ma nstabet l-ebda risposta.

Fit-2 ta' April 1935 Giuseppe Ellul (il-Qonsru) jikteb ittra oħra, u jilmenta li peress li baqa' bla risposta issa ma kienx baqa' żmien li jaħdem murtali għaliex iż-żmien



Giuseppe Ellul (Il-Qonsru) (Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)



Ny Commissioner for Labour
Valletta

Andi narfech illi iena sciein nibat dina l'offertá al 15 il Mortál tál Culur, u dauna il Mortáli nahdimom seconť il Sigu.

Andi narfech ucol illi dauna il Mortáli incassamom seconť issegħna.

Prezziet £1. cul uihed.

Caruana Emmanuele
Nº59, Sd Parrochiale Micabiba

fil. acknowl. same as others
[illegible] 14/3

L-ittra ta' Emmanuele Caruana biex joffri nar lill-Gvern
(Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)



63 Via Valletta
micabiba
13 marzu 1935 malta

Signiur,
jena smait li seijer isir sci nar artificiali għal-Gjublew tar-Re u għaldakstant setakt li namel sci hagia mitt (100) Rockets (sufarelli) assortiti fil gost tahhom tal purzier diametru hcuna, il prezz ta 3/- il uihed,
nitolboc li tirrispondini jech ijogiboc mil actar fiss
Inselli għalic nisk
michele Ellul

It-talba ta' Michele Ellul lill-Gvern fl-1935
(Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)

kien daħal sew iżda għamel offerta oħra. Jgħid li kien lest li jaħdem 'xogħol tal-art jiġifieri ruote variabbili għal quddiem il-guoco di fuoco u batteria eletrica bħala final u nista' nagħmel 18-il bicca tal-logħob tan-nar (ruote).' Interessanti wkoll id-diffikultà fl-użu ta' kliem Malti li jispjega x'ried jgħid il-Qonsru, rifless li kien għadu ma żviluppax it-terminoloġija aktar rikka dwar in-nar bil-Malti. Jelenka l-prezzijiet u jgħid li kien ser jitlob total ta' £33 (£27 għal-irdieden u £6 għal kaxxa tal-kulur b'mitt murtal). Sfortunatament id-dokumenti li sibt sa' issa ma jagħtux widen jekk dawn l-offerti ntgħażlux jew le. Iżda żgur juru kemm kienet qawwija u produttiva il-ħidma tal-piroteknika ġewwa l-Imqabba.



Nº 54 Sda Ospedale Micabiba
2nd April 1935

Sir,
Billi cont amilt applicazioni sabiex namel sci xol tal fire-work ta l'ajru igifieri mortali tal culur u amilt innumru ta 50 uihed u inti billi dont ma irrispondejtni izzmien add u issa ma namilx xol ta l'ajru, alec jec trit issa nista namel xol ta l'artigifieri Ruote Variabbili al Kuddiem il Guoco di Fuoco u Batteria Eletrica bhala final u nista namel 18 il bicca ta lob tannar (Ruote) jec ma tinformanix. l sa 2 granet ohra jena ma nac cetta bxejn aliex marnix nohrog ta injorant kuddiem il publicu u nigga rantixxi buhu li ma icunx aun bhalu Sahha

18 il bicca £27.
Batteria Eletrica of 100 Colour Shells = £6
£33 Total

jena u issemi tijac
Pirotecnico
Ellul Giuseppe

It-tieni ittra tal-Qonsru fit-2 ta' April 1935
(Ħajr: L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta)

Id-destin tan-nar iżda kellu maħżun ġranet koroh għall-Imqabba b'aktar disgrazzji li jolqtu tnejn mill-istess kittieba ta' dawn l-ittri, sentejn biss wara l-festi tal-Ġublew. Kien fil-31 ta' Mejju 1937 meta tnejn minn dawn il-persuni li għamlu dawn l-offerti lil Gvern mietu b'diżgrazzja li seħħet għall-ħabta tal-11:15 ta' filgħodu. Fil-ġurnali ta' dak iż-żmien ġie rappurtat li huma kienu qed jaħdmu nar għall-festi ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u tal-Karmnu tal-Belt. Il-vittmi kienu Guiseppe Ellul (il-Qonsru), Emanuele Caruana (Tillu) u Pinu Abdilla (Ġaqġaq).

Vittma oħra tan-nar fl-istess perjodu ta' żmien li qed nitkellmu fuqu kien tfajjel ta' sitt snin u nofs, Ġużeppi Farrugia (tad-Daqni). Din kienet traġedja li bikkmet lir-raħal kollu għaliex saret proprju f'jum il-festa ta' Santa Marija u ġol-każin tal-istess festa. Dwar dan ukoll diġà ġie ppubblikat iżda f'dan l-artiklu għall-ewwel darba qed ikunu ppubblikati siltiet mill-inkjesta u ritratt ta' protagonist importanti f'din il-ġrajja.

L-inkjesta saret fil-ġranet tas-16 u 17 ta' Awwissu mill-Maġistrat Serafino Vella. Wieħed mill-ewwel xhieda kien is-Surġent tal-lokal Emanuele Galea, imwieled u jogħqod l-Imqabba. Hu xehed li kien xogħol fl-għassa tal-Imqabba u f'xil-10:30 ta' filgħodu ġew jgħidulu li kien hemm splużjoni u mar fil-każin ta' Santa Marija fejn sabhom joħorġu lit-tfajjel Giuseppe Farrugia. Innota li fil-bitħa kien hemm Giuseppe Buhagiar li kien qed jikkarga l-maskli. Buhagiar qal li kellu xi ftit porvli żejjed u tah lil tal-bottegin biex ineħħih mill-idejn. Galea staqsa wkoll lit-tifel midrub x'kien ġara u dan qallu li pprova jixgħel ftit porvli li kien hemm però l-ixkora żgħira qabdet kollha u ħarqitu. Kienu pronti bagħtu lit-tifel l-isptar.

Ix-xhieda ta' Buhagiar tikkonferma l-verżjoni tat-tifel iżda tagħtina ħjiel interessanti ta' kif kien isir ix-xogħol tal-maskli. Jidher li kien jinġieb din il-persuna mis-Siġġiewi. Fil-fatt Giuseppe Buhagiar hu mniżżel li hu bin Spiru, imwieled u joqgħod is-Siġġiewi ġewwa Strada Irjali. Il-porvli li hu jsejjaħlu 'iswed ta' Malta' kien żejjed u warrbu għal meta jerġa' jaħraq il-maskli f'nofsinhar.

Fl-inkjesta xehed il-missier Karmenu Farrugia bin Wenzu, imwieled u joqgħod l-Imqabba f'numru 24 Strada San Basilio. Hu qal li kien inkarigat mill-bottegin u dakinhar tal-festa Giuseppe Buhagiar li kien qed jikkarga l-maskli talbu jżommlu xkora żgħira li kien fiha madwar ratal u nofs porvli. Hu refagħha f'kamra li kien juża bħala maħżen wara l-bottegin. F'xid-9:30 ta' filgħodu kellu bżonn jillarga mill-post u ħalla lil ibnu Filippu ta' għaxar snin għassa mal-bottegin. Meta irritorna lura xi siegħa wara jixhed li

'... rajt dagħdigħa ta' nies u sirt naf li t-tifel Giuseppe Farrugia kien mar ġewwa l-kamra ta' fejn kien hemm il-porvli u b'għaqal ta' tfal tah in-nar b'sigarett jixgħel.'[11]



*Giuseppe Buhagiar*
*(Ħajr: Victor Buhagiar)*

Xhud kruċjali f'din l-inkjesta kien l-Ispettur Loreto Bonnici li tkellem mat-tifel wara li dan iddaħħal l-isptar. It-tifel stqarr li kellu sigarett u ipprova jqabbad ftit mill-porvli li kien hemm maħżun fil-kamra maġenb il-bottegin iżda dan ħa kollu f'daqqa u kkawżalu ġrieħi ta' ħruq estensiv.

## Konklużjoni

Dan l-artiklu kellu l-iskop li joħroġ fatti ġodda dwar il-ħajja Mqabbija u d-dominanza assoluta tal-piroteknika fil-perjodu li qed niddiskutu. Aktar minn xi ħsus ta' influwenza jew imħabba lejn l-Imperu Ingliż aktar joħroġ imħabba u fissazzjoni lejn in-nar, iżda wkoll b'ambizzjoni kummerċjali. Jidher ċar li madwar il-Qonsru kien hemm attività ta' nar kummerċjali kbira. Toħroġ ċara wkoll il-leġġerezza tal-Gvern fil-konfront tad-dilettanti tan-nar li filwaqt li l-pulizija ma tagħlaqx għajnejha, xorta waħda jinstab kompromess u n-nar illegali jingħata lura. Donnu l-ħsieb prinċipali predominanti kien li sakemm għandna nar għall-festa ftit jimporta mill-Qrati u l-ħajja umana.

*Ħajr: Leonard Callus, Michelle Buhagiar, Victor Buhagiar, Anthony Bonello*

---

*Referenzi:*


1 *Malta Tagħna, 23 ta' Mejju 1914.*

2 *L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, POL Żurrieq, 21 ta' Mejju 1921. (Ħajr Angelo Schembri)*

3 *Dwar dan ara wkoll Angelo Schembri, 'L-Imqabba ta' Mitt Sena Ilu' f' din l-istess pubblikazzjoni.*

4 *Malta, 27 ta' Mejju 1929.*

5 *Farrugia, C., Tal-Ġilju: Il-Banda u s-Soċjetà fl-Imqabba, Mqabba 1995, p. 11.*

6 *Angelo Schembri, 'L-Imqabba ta' Mitt Sena Ilu', fil-Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, Mqabba, 2018.*

7 *Għall-istorja sħiħa ta' dan l-avveniment ara, Leonard Callus, 'Spring 1935: The Calm Before the Storm', f'The Calm Before the Storm, APS 2015, pp. 13-44.*

8 *L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Dispaċċ mill-Gvernatur lis-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji, nru. 168, 31 ta' Mejju 1935.*

9 *L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Miscellanea. (Ħajr Leonard Callus)*

10 *L-Arkivji Nazzjonali, MFA01, Applikazzjonijiet 9241/1931.*

11 *L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, Proċessi Verbali, nru. 225, 21 ta' Awwissu 1939.*